2023/2803

12.12.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2803

**tal-11 ta' Diċembru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 ([1]) dwar azzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan sal-31 ta' Diċembru 2022. Dik l-azzjoni ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2023 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2442 ([2]).

(2) Mill-1 ta' Ġunju 2021, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) organizza u mexxa l-evakwazzjoni tal-Afgani, b'mod partikolari dawk li ħadmu għar-Rappreżentant Speċjali tal-UE fl-Afganistan, maħtur permezz tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2001/875/PESK ([3]), jew għall-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL Afghanistan), stabbilita mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/PESK ([4]), u ta' Afgani oħra partikolarment vulnerabbli li kkollaboraw mal-Unjoni, flimkien mal-qraba stretti dipendenti tagħhom.

(3) Lista ta' persuni eliġibbli għall-evakwazzjoni skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 (il-"lista") ġiet stabbilita u aġġornata mis-SEAE.

(4) Minħabba s-sitwazzjoni fl-Afganistan, l-evakwazzjoni ta' persuni fil-lista, li għadhom f'riskju waqt li jinsabu fl-Afganistan, ma tistax titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

(5) L-azzjoni skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 għandha tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Fil-parti introduttorja tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/151, id-data "31 ta' Diċembru 2023" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2024".

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/151 tat-3 ta' Frar 2022 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan (ĠU L 25, 4.2.2022, p. 11).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2442 tat-12 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 83).
([3]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2001/875/PESK tal-10 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħatra tar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 326, 11.12.2001, p. 1).
([4]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/PESK tat-30 ta' Mejju 2007 dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33).

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES